MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 225/2014

Appell Nru: 225/2014

Il-Pulizja

(Spettur Yvonne Farrugia)

Vs

Aaron Mizzi

Illum 15 ta' Jannar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Aaron Mizzi, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 258980M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fil-perjodu ta' bejn Ottubru 2007 u Dicembru 2008, f'dawn il-Gzejjer b' mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew

billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b' qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' Joseph-Mary Cardona(K.I. numru 207668M);

2. Fl-10 ta' April 2008 gewwa l-I.D. cards office, Evans Building, Valletta sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz,

3. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li ghandu ssetgha b' ligi li jaghti l-gurament, meta l-gurament kien mehtieg mil-ligi.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.
Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-16 ta' Mejju, 2014, fejn il-Qorti l-Artikoli 17, 188 u 108(1)(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu tmintax (18) –il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 109 tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-interdizzjoni generali tal-imputat ghall-perjodu ta' hames (5) snin millum kif ukoll l-interdizzjoni milli huwa jservi bhala xhud u bhala perit.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat:

- Aaron Mizzi ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontrih

Filwaqt illi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellat Aaron Mizzi gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni migjuba kontrih u minflok tgħaddi sabiex issib lill-appellat hati wkoll tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontrih u tinfliggi dik il-piena idonea fic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-atti tal-procedura fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li tillibera lill-akkuzat mill-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u dan ghar-raguni li l-elementi rikjesti mil-Ligi sabiex jitqies li jissussistu r-reati ta' truffa u frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma rrizultawx.

Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) <u>in-ness</u> bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) <u>l-element materjali</u> konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) <u>l-elementi formali</u> li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' <u>dannu patrimonjali</u>. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, semplici <u>gidba</u> hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-*messa in scena* mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta li n-ness bejn l-imputat u l-vittma Joseph Cardona gie stabbilt fil-mument meta dan tal-ahhar sellef madwar erbat eleft u hames mitt lira Maltin (LM4,500) lill-imputat u dan hekk kif jirrizulta a fol. 35 *et seq* tal-atti processwali odjerni. *Di piu'* l-imputat fl-ebda hin ma cahad li kien issellef xi flus minghand Joseph Cardona u tali stat ta' fatt jirrizulta wkoll mill-iskrittura privata li ghamlu bejnithom. Ghaldaqstant, in-ness li trid il-ligi *ai fini* ta' Artikolu 308 u Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bejn dak li jikkometti r-reat u l-vittma, jezisti.

Illi fir-rigward tal-element materjali tar-reat ta' <u>truffa</u>, skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, il-manuvri frawdolenti adoperati mill-frodist iridu jkunu akkumpanjati minn xi forma ta' atti esterni jew *messa in scena* li jsahhu l-kelma tal-frodist u li jikkonvincu lill-persuna ta' prudenza u sagacja ordinarja bl-ezistenza ta' dawk il-fatti li jqajmu s-sentimenti kkontemplati mid-dicitura tal-ligi:

> *308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta'* ***intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa***

> ***fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika****, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.* ***(enfasi tal-esponent)***

Illi dan il-principju gie spjegat b'mod car fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Simon Spiteri* datata sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn inghad is-segwenti:

> *Dwar l-artifizzi ntqal mill-Qorti illi ''hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi* ***l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma*** *stess fil-menti ta' l-iffrodat."* ***(enfasi tal-esponent)***

Illi b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponent ma jistax jifhem kif din l-istess Qorti rriteniet li l-element tal-*messa in scena* kien assenti. Dan ghaliex l-agir frawdolenti tal-imputat ma kienx maghmul b'semplici *menzione* izda kien akkumpanjat minn apparat estern li sahhah il-kredibbilita tas-sitwazzjoni ffabriktata mill-imputat sabiex jirraggira lill-vittma. Il-*messa in scena* appuntu, kienet konsistenti fil-fatt li l-imputat iddepozita l-karta tal-identita' tieghu mal-vittma u ftehem mieghu biex izzommilu ghandu bhala garanzija li kien se jhallsu lura l-flus li kien issellef. B'dan il-mod, il-karta tal-identita' serviet lill-akkuzat bhala mezz/apparat estern biex jikkonvinci lill-vittma jsellfu l-flus. Ghalhekk, l-akkuzat ma utilizzax kliem biss izda l-kelma tieghu kienet imsahha mill-uzu tal-*messa in scena.* Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li mhux biss kien jissussisti l-element ta' ingann izda li addirittura l-imputat utilizza *messa in scena* biex jilhaq l-iskop ahhari tieghu li jittruffa lill-vittma, fl-umli fehma tal-esponent, jezisti wkoll l-element materjali rikjest mil-Ligi *ai termini* tal-Artikolu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imputat fl-istqarrija tieghu a fol. 20 tal-atti processwali odjerni semma kif il-flus mar biex jissellifhom l-ewwel ghax kellu bzonn isewwi l-magna tat-trakk tieghu u t-tieni darba kellu bzonnhom ghall-*gear box* tal-istess trakk. Fl-istess hin mix-xhieda tal-vittma Joseph Cardona jidher li r-raguni li tah l-imputat sabiex ikun jista' jissellef dawn il-flus kienet biex hu jkun jista' johrog xi containers bis-*cement* mid-Dwana. Din l-inkonsistenza bejn il-verzjoni li ta l-imputat fl-istatement tieghu u dik li ta lill-vittma tar-raguni 'il ghala kellu bzonn jissellef il-flus, certement ma jidhirx li turi kemm l-imputat qieghed jghid il-verita u kien permezz ta' din l-istess gidba li wasal biex jirraggira lill-Joseph Cardona. Ghaldaqstant, l-agir tal-imputat jissodisfa l-element materjali rikjest mil-ligi biex jissussisti r-reat ta' frodi nnominata taht Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat li l-kaz odjern jitratta kwistjoni ta' natura civili in kwantu d-dejn huwa naxxenti min qbil fuq self ta' flus bejn l-imputat u l-vittma u konsegwentement skartat ghal kollox l-applikazzjoni tal-Artikolu 308 u 309.

Fl-umli fehma tal-esponent hawn hekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamiltx interpretazzjoni korretta tal-element ta' *dolo* hekk kif ikkontemplat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza *L-Pulizija vs. Charles Zarb* deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993)  huwa car:

> *Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun* ***konxju*** *ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejed biex teskludi d-dolo.* ***(enfasi tal-esponent)***

Illi jidher b'mod manifest li l-Ewwel Onorabli Qorti donnha ssorvolat li l-intenzjoni tal-imputat **mill-bidu nett** qatt ma kienet li jirritorna l-flus lura tant li fi kliem il-vittma appena l-vittma ghaddilu t-tieni ammont ta' flus, l-akkuzat "ma deherx izjed". Tant l-imputat ma kellux intenzjoni li jirritorna l-flus raggirati, li biex isarraf ic-*cheque* ha tlett guramenti foloz u talab lill-awtoritajiet kompetenti biex tinhariglu karta tal-identita' gdida. Din l-intenzjoni qarrieqa kif rikjesta mid-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 308 u l-Artikolu 309 tohrog ukoll b'mod car mill-fatt li fil-mument meta ipprokura karta tal-identita' gdida, l-imputat kien ben **konxju** li b'dak il-mod ma kellux bzonn l-karta tal-identita' li kien iddepozita mal-vittma bhala garanzija u b'dak il-mod seta' jsarraf ic-*cheque* minghajr ma jirritorna l-flus mislufa. Fid-dawl ta' dan kollu, jidher li l-imputat kellu *d-dolo* li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus, liema intenzjoni tinkwadra ruhha fid-dicitura tal-Artikolu 308 u Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk altru min dejn civili izda hawn qedin fil-kamp kriminali. Ghaldaqstant, l-element formali rikjest mil-ligi ghar-reat ta' truffa u frodi nnominata jissussisti.

Illi l-vittma sofra t-telf ta' ammont ta' flus li jeccedi l-erbat elef Lira Maltin (LM 4,000) liema ammont l-imputat qatt ma rritorna u dan bi hsara tal-patrimonju tal-vittma. Ghal din ir-raguni, fl-umli fehma tal-esponent, jissussisti wkoll l-element ta' dannu patrimonjali hekk kif rikjest mil-ligi f'Artikolu 308 u f'Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in vista tas-suepost, bil-kuntrarju ta' dak ritenut mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-agir tal-imputat jissodisfa dawk l-elementi rikjesti mil-Ligi biex tinsab il-htija fl-imputat taht id-dispozizzjoni tal-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' ftehim redatt u iffirmat fis-sitta (6) ta' Ottubru tal-elfejn u sebgha (2007) l-appellat Aaron Mizzi issellef l-ammont ta' erbat elef lira (Lm4,000) minghand Joseph Mary Cardona liema flus kellhom jigu ritornati fl-ewwel (1) ta' Novembru

tal-elfejn u sebgha (2007). Fuq din l-iskrittura hemm tlett (3) firem, wahda tal-appellat, l-ohra ta' Joseph Mary Cardona u t-tielet tat-tifel ta' Cardona, Christian. Fuq l-istess karta hemm ftehim iehor fejn jidher illi Cardona ta hames mitt lira (Lm500) ohra lill-appellat biex b'hekk l-ammont misluf tela' ghal erbat elef u hames mitt lira (Lm4,500) li kellhom jigu ritornati fl-ewwel (1) ta' Novembru tal-elfejn u sebgha (2007). Skont Cardona l-appellat kien talbu dawn il-flus sabiex ikun jista' johrog xi containers bis-siment mid-dwana u kien se jhallsu lura hekk kif l-appellat jithallas ta' dan ix-xoghol. Bhala garanzija tal-hlas l-appellat ikkonsenja l-karta tal-identità tieghu lil Cardona. Gara però illi l-appellat qatt ma hallas lura dawn il-flus u fit-tmintax (18) ta' Dicembru tal-elfejn u tmienja (2008) sar rapport mal-Vice Squad fi hdan il-pulizija minn Joseph Cardona rigward il-flus illi kien sellef lill-appellat u li qatt ma gew lura. Il-pulizija investigaw lill-appellat u bi stqarrija maghmula fil-hdax (11) ta' Frar tal-elfejn u disgha (2009) (a fol 19) l-appellat ikkonferma illi kien issellef minghand Cardona l-ewwel elf lira (Lm1,000), imbaghad hames mitt lira (Lm500) ohra sabiex isewwi magna ta' trakk u l-gear box. Meta l-appellat mar biex ihallas lura dawn il-flus Cardona talbu erbat elef u hames mija (Lm4,500). Muri l-ftehim maghmul bejniethom (fol 176) l-appellat ikkonferma l-firem tieghu però qal illi huwa kien iffirma biss ghal elf u hames mitt lira (Lm1,500). L-appellat jghid ukoll illi mar ghand Cardona ghax jafu b'ragel sewwa. Izda fl-istess nifs qal illi ma marx ghand il-pulizija ghax beza' li Cardona jaghmillu xi vendikazzjoni u li kien maghruf hafna illi jaqla' l-glied il-biccerija u l-Marsa. L-appellat ma kellux ircevuti tax-xoghol illi qal illi wettaq fuq il-vettura il ghaliex il-mekkanik ma riedx izomm il-VAT. Jaf illi t-trakk hadu ghand wiehed il-Manikata però ma jafx fejn. Mistoqsi ghaliex kien hemm din id-diskrepanza fejn l-ewwel jghid illi lil Cardona jafu b'ragel sewwa, imbaghad jghid illi huwa bniedem vjolenti, l-appellat qal illi Cardona kien bahbuh u wara nbidel. L-appellat jikkonferma ukoll illi hu kien ha gurament l-ufficcju tal-ID fejn kien qal illi l-ID card tieghu kien tilfu.

Fl-gheluq tal-investigazzjoni taghha l-Prosekuzzjoni ressqet lill-imputat il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi illi jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tas-sittax (16) ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 209) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel akkuza izda sabitu hati tat-tieni u t-tielet akkuza, ikkundannatu ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, kif ukoll interdizzjoni generali ghal hames (5) snin u kien ipprojbit biex iservi ta' xhud jew bhala perit.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza ghax deherlu illi l-appellat kellu jinstab ukoll hati tal-ewwel akkuza u dan peress illi l-ewwel Qorti kienet ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ipotesi tal-ligi peress illi kienu jissusistu l-elementi kollha ta' truffa u frodi kif kontemplat bl-artikolu 308 u 309 tal-Kap 9.

Ikkunsidrat:

Fit-trattazzjoni taghha d-Difiza sahqet fuq l-inkonsistenza illi kien hemm fil-verzjonijiet bejn l-appellat u l-parti leza Cardona. M'hemm xejn stramb f'dan ghax meta jkollok zewg verzjonijiet dejjem isir hekk tara lil min se temmen u ma temminx u twiezen u tifred dak li hu penali ghal dak li huwa civili. Din il-kwistjoni bejn l-appellat u Cardona hija kwistjoni civili illi kellha tigi rizolta quddiem il-Qorti kompetenti u zgur li mhux quddiem il-Qorti kriminali. Fi kwalunkwe kaz, stante dan il-konflitt hemm dubbju ragjonevoli li ghandu jmur favur l-imputat u ghalhekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti kellha tigi konfermata.

Ikkunsidrat:

Kif tajjeb qal l-avukat difensur tal-appellat, fil-kontenzjuz dejjem ikun hemm zewg verzjonijiet illi normalment ikunu diametrikament opposti u ghalhekk il-Qorti trid twiezen il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tara lil min se temmen u ma temminx. Fil-kawza deciza Il-Pulizija versus Joseph Thorn fid-9 ta' Lulju 2003 qalet, "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen jew f'hiex ser temmnu jew ma temmnux." Wahda mill-kriterji enuncjati fl-artikolu fuq imsemmi 637 huwa proprju l-konsistenza tax-xhieda moghtija. F'dan il-kaz hawn inkonsistenza lampanti fil-verzjonijiet moghtija mill-appellat. Jibda biex jinghad, li lil Cardona qallu illi l-flus riedhom sabiex ikun jista' johrog is-siment mid-dwana u ma kellux flus sabiex ihallas u wieghdu illi kien ser ihallsu l-ammont lura fil-bidu ta' Novembru meta jithallas ta' dan ix-xoghol. Fl-istatement maghmula lill-pulizija fil-hdax (11) ta' Frar tal-elfejn u disgha (2009) (fol 19) l-appellat qal illi l-flus riedhom sabiex isewwi t-trakk u l-gear box peress illi kienu qodma. Fl-istess stqarrija l-appellat qal illi huwa issellef l-ammont ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500) izda muri l-iskrittura redatta bejnu u bejn Cardona tas-sitta (6) ta' Ottubru tal-elfejn u sebgha (2007) fejn jidher total ta' erbat elef u hames mitt lira (Lm4,500) l-appellat baqa' jinsisti illi huwa ircieva biss elf u hames mitt lira (Lm1,500), ghad illi ikkonferma illi l-firem illi jidhru fuq dik l-iskrittura huma tieghu, ta' Joseph Cardona u ta' ibnu Christian. Ukoll, l-appellat jghid illi lil Cardona jafu bhala ragel sewwa u kien ghalhekk illi mar ghandu sabiex isellef l-flus. Izda fis-sentenza ta' wara jghid illi Cardona huwa bniedem vendikattiv, huwa maghruf illi jaqla' l-glied il-biccerija u l-Marsa u ma marx ghand il-pulizija mal-ewwel peress illi beza' minnu. Mitlub igib ircevuti tax-xoghol illi sar fuq il-vettura l-appellat qal illi m'ghandux ircevuti ghax il-mekkanik ma riedx ihallas il-VAT. Ma setax jidentifika dan il-mekkanik; jaf biss illi kien qieghed il-Manikata, però ma kienx jaf fejn hu. L-appellat ikkonferma illi huwa kien ikkonsenja l-karta tal-identità tieghu bhala garanzija tal-hlas lura tal-ammont misluf izda lill-ufficini tal-karta tal-identità ha gurament illi d-dokument tieghu kien mitluf. Dawn l-inkonsistenzi jwasslu lil din il-

Qorti biex tikkonsidra l-verzjoni moghtija mill-appellat bhala wahda suspetta, inveritiera u li ma ghandhiex toqghod fuqha. Il-verzjoni ta' Cardona, min-naha l-ohra, hija konsistenti – dejjem qal illi huwa kien ivversa l-ammont ta' erbat elef u hames mitt lira (Lm4,500) debitament ikkonfermata bi skrittura privata bil-firma tal-appellat, ukoll awtentikata mir-relazzjoni tal-espert Joe Gaffiero (fol 168).

Ghalhekk l-appellat ma jistax jahrab mill-fatti illi irrizultaw pruvati minghajr dubbju dettat mir-raguni u cioé illi huwa issellef l-ammont ta' erbat elef u hames mitt lira (Lm4,500) minghand Joseph Cardona bl-obbligu ta' radd lura fi zmien xahar b'garanzija ta' depozitu tal-karta tal-identità illi dawn il-flus se jithallsu lura. Dawn il-fatti jpoggu lill-appellat nettament fic-censura tal-artikolu 308 u 309 tal-Kap 9 fejn jissussitu l-elementi kollha ghar-reat ta' frodi jew truffa u cioé n-ness jew konnessjoni bejn l-appellat u l-persuna illi kien sejjer jiffroda u cioé Cardona, l-element materjali, l-uzu ta' ingann jew raggiri, f'dan il-kaz id-depozitu tal-karta tal-identità f'idejn Cardona biex igaghlu jirrilaxxa l-flus favur l-appellat, l-element formali u cioé l-intenzjoni ta' truffa u r-raba' element dak ta' danni patrimonjali illi effettivament sofra Cardona. Min-naha l-ohra, ghal dak li jirrigwarda r-reat ta' frodi innominata ikkontemplat bl-artikolu 309 tal-Kap 9, semplici gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kommissjoni ta' dan ir-reat liema gidba titwassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma kif fil-fatt gara f'dan il-kaz.

Din il-Qorti taqbel mal-argument tal-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu meta jghid, "... l-agir frawdolenti tal-imputat ma kienx maghmul b'semplici menzione izda akkumpanjat minn apparat estern li sahhah il-kredibilità tas-sitwazzjoni fabbrikata mill-imputat sabiex jirraggira lill-vittma. Il-messa in scena appuntu, kienet konsistenti fil-fatt li l-imputat iddepozita l-karta tal-identità tieghu mal-vittma u ftiehem mieghu biex izommhielu ghandu bhala garanzija illi kien se jhallas lura l-flus illi kien issellef." Dan l-agir tal-appellat jaqa' nettament taht il-kamp penali u l-ewwel Qorti ma kellhiex twarrab dawn il-fatti biex tghid illi din kienet kwistjoni civili bejn l-appellat u Cardona.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jisthoqq li jkun milqugh u l-appellat kellu wkoll jinstab hati tal-ewwel akkuza li taqa' nettament taht l-artikolu 308 tal-Kap 9.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Aaron Mizzi hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u l-piena erogata ghal dawn l-istess imputazzjonijiet, tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u minflok issibu hati tal-ewwel imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali u l-fedina penali tieghu minn fejn irrizulta li l-appellat digà gie misjub hati ta' frodi u qerq f'cirkostanzi ohra, tikkundanna lill-appellat ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal zmien ta' tnax-il (12) xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------